MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Talba Numru. 372/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Elaine Muscat (ID204981M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija tnejn u tmenin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€682.81c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' telefonija cellulari 79041981 (A/C40161297) skont kuntratt datat 10 ta' Novembru, 2010.

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in Subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4261/11 u bl-imghaxijiet mill-11 ta' Novembru, 2011, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

<u>Dokumenti Mehmuzi:</u>

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratti

Dok C – Ittra Ufficjali 4261/11

Dok D – Estratt mir-Registru Elettorali

Ra mill-atti illi l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-21 t' April, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt mija tnejn u tmenin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€682.81c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------